KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**ID-DISA’ (9) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Wieħed u Għoxrin (21)***

***It-Tnejn, 27 ta’ Ottubru, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa’ għal-Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill Numru 21 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali kif ukoll virtwalment minħabba l-urġenza tal-laqgħa fis-seba’ ta’ filgħaxija (07:00pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI ( virtwalment) |
| Il-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR
ASSISTANT PRINĊIPAL – DONNA MALLIA

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**21.1 Kunsiderazzjoni u Deċiżjoni dwar l-Appell 378/23 u l-Appell 381/23 għall-Applikazzjoni 'Proposed construction of fireworks factory', f'sit f'Il-Ħbula, Trejqet it-Torri ta' Kalamija off, Triq Ħal Tarxien, Għaxaq**

21.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-appelli ġew miċħuda mill-*Planning Authority* u ppreżentat id-deċiżjoni tal-appell EPRT. Il-Kunsilliera ġew mitluba sabiex tittieħed deċizjoni dwar kif ser jimxi l-Kunsill fuq din id-deċiżjoni. Infurmat wkoll li sar kuntatt mal-avukata Desiree' Attard sabiex il-Kunsill ikollu idea ta' kif jista' jipproċedi f'każ li jsir l-appell il-Qorti. L-avukata Attard infurmat li jekk l-appell jidħol il-Qorti l-ispejjeż legali jistgħu jkunu bejn €3,000 u €5,000.

21.1.1. Is-Sindku Karl Boxall ippropona sabiex nipproċedu bl-appell il-Qorti u jiġu nvoluti l-Każini wkoll ma' dan l-appell u bħala spejjeż legali tal-avukat jiffinanzja kollox il-Kunsill Lokali. Is-Sindku stieden lill-kunsilliera biex jgħaddu l-opinjoni tagħhom u staqsa jekk f'dan l-istadju il-Kunsill għandux iżomm l-istess avukata Desiree' Attard.

21.1.2 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qabel ma' din il-proposta sabiex jitkompla l-każ bl-appell il-Qorti biex b'hekk il-Kunsill Lokali jkompli jssostni l-pożizzjoni tiegħu li hu kontra dan l-iżvilupp fl-interess tagħna minħabba l-festi lokali. Qabel ukoll li l-Kunsill jiffinanzja l-ispejjeż legali kollha tal-Qorti u anke jekk jitqabbad avukat ieħor mill-Każini l-ispejjeż legali jitħallsu wkoll mill-Kunsill Lokali. Qal ukoll li jekk l-appell tal-Qorti jiġi mitluf naraw hemmx il-possibbilta' li jinfetaħ appell fil-Qorti Kostituzzjonali Ewropeja. Il-Viċi Sindku xtaq li għal din il-laqgħa jkunu kemm preżenti l-Każini kif ukoll l-avukata Attard. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li mal-Każini ser isir laqgħa ta' diskussjoni din il-ġimgħa stess fejn ser tiġi kkomunikata d-deżiċjoni tal-Kunsill Lokali u wkoll infurmat li l-avukata Attard ma setgħatx tkun preżenti għal laqgħa pero' ġejna nfurmati min-naħa tagħha ta' kif il-Kunsill Lokali jista' jipproċedi bl-appell il-Qorti.

21.1.3 Il-Kunsillier Stephen Attard qabel ukoll li l-appell jidħol il-Qorti flimkien mal-Każini f'isem ir-residenti Għaxqin, kif ukoll l-ispejjeż legali jiġu koperti mill-Kunsill Lokali. Staqsta wkoll jekk hux ser tinżamm l-istess avukata.

21.1.4 Il-Kunsillier Steven Axisa qabel ma' din il-proposta li l-appell jidħol il-Qorti flimkien mal-Każini sabiex nissalvagwardjaw il-kultura tal-lokal. Qabel ukoll li l-ispejjeż legali jiġu koperti mill-Kunsill Lokali.

21.1.5 Il-Kunsilliera Christine Dalli taqbel mal-proposta li l-appell jidħol il-Qorti flimkien mal-Każini sabiex dan il-permess jitwaqqaf. Taqbel ukoll li l-ispejjeż legali jiġu koperti mill-Kunsill Lokali. Infurmat ukoll li l-ispejjeż legali mhux ħa jkunu ammonti kbar bħal kif diġa' nfurmat l-avukata Attard.

21.1.6 Il-Kunsillier Jesmond Manicolo qabel mal-proposta li l-appell jidħol il-Qorti flimkien mal-Każini u wkoll l-ispejjeż legali jiġu koperti mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Manicolo qal li l-aħjar tinżamm l-istess avukata Desiree' Attard.

21.1.7 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi qablet li nkomplu bil-ġlieda tagħna sabiex jitwaqqaf dan il-permess u li l-appell jidħol il-Qorti flimkien mal-Każini u wkoll l-ispejjeż legali jiġu koperti mill-Kunsill Lokali.

21.1.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fondi allokati għal kawżi legali m'hemmx peress li dawn ikunu ġa ġew maqsuma fi proġetti u kuntratti, fejn l-ispejjeż legali tal-kawża ser jiġu mnaqqsa minn fondi allokati fuq proġetti oħra. Infurmat ukoll li ser tinforma lid-Direttur għall-Gvern Lokali fir-rigward tad-deċiżjoni li ser ikun qed jieħu l-Kunsill Lokali għal fini ta' Awditjar.

21.1.9 Is-Sindku Karl Boxall nforma li hemm qbil unanimu mill-Kunsill Lokali sabiex l-appell jidħol il-Qorti u l-ispejjeż legali jiġu ffinanzjati mill-Kunsill. Bi qbil unanimu wkoll informa li ser issir laqgħa mal-Għaqdiet Mużikali rispettivi sabiex tiġi kkomunikata d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali u jsiru wkoll id-diskussjonijiet neċessarji magħhom fir-rigward tal-avukat/i li ser jirrappreżentaw l-appell il-Qorti. Din il-laqgħa ser issir il-Ħamis, 30 t'Ottubru, 2025, fis-7:30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |